MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2677/2002

**R.A.B. Limited**
**vs**

**Anthony Bonello**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Novembru 2002, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmenin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm580.96) rapprezentanti prezz ta' prodotti ta' l-ikel mibjugha *wholesale* lill-konvenut li baqa' mhux imhallas.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 4 ta' Frar, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Il-konvenut ghandu jhallas ukoll l-imghax kummercjali komputat mit-2 ta' Dicembru, 1999, li hija d-data tal-ahhar konsenja.**

**Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fil-5 ta' Dicembru 2002 fejn intqal illi it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante li:**

**i. Il-meritu ta' din il-kawza hu ezawrit peress illi l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici peress illi l-invoices kollha mahruga mill-istess socjeta' attrici thallsu kollha kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**ii. Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Bonello, Anthony Briffa. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' merkanzija. Gie eccepit li kien sar il-pagament.**

**2. L-invoices in kwistjoni igibu n-numri 38651, 43278, 43672, 44014, 44667 u 53831.**

**3. Mix-xhieda mismugha u mid-dokumenti esebiti, jirrizulta definitivament illi :**

**i. l-invoice bin-numru 53831 kienet thallset u harget id-debita ricevuta, Dok.AB2.**

**ii. Dwar l-invoice bin-numru 44667, Dok.AB4, jidher li ukoll harget ricevuta ghall-parti mill-ammont, u li ghad fadal bilanc ta' tnejn u erbghin lira (Lm42.00).**

**iii. L-invoice bin-numru 44014 ghall-hamsa u tletin lira (Lm35.00), ma jirrizultax li hi mhallsa, Dok.AB17.**

**iv. Lanqas ma jirrizulta li thallset l-invoice bin-numru 43672 fl-ammont ta erbgha u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm74.40).**

**v. L-invoice bin-numru 43278, Dok.AB15 jidher li thallset, min-notamenti li hemm fuq l-istess invoice.**

**vi. Dwar l-invoice bin-numru 38651 fl-ammont ta' mija u erbgha u tletin lira Maltija (Lm134.00), ma hemm ebda prova li dina thallset.**
**vii. Dwar id-Dok.AB7 li jirreferi ghall-hlas ta' zewg invoices minghajr ma jaghmel referenza ghal liema invoivces, in vista tan-negozju regolari bejn il-partijiet u l-kwantitajiet ta' invoices mahruga, it-Tribunal ma jistghax jikkonkludi li dan fil-fatt jirreferi ghal dawk l-invoice mhux imhallsa li fuqhom qed issir il-kawza.**
**4. Ghalhekk jirrizulta li huwa minnu li xi whud mill-invoices kienu thallsu, pero ghad hemm bilanc dovut lis-socjeta` attrici fis-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm285.40) dwar l-imsemmija invoices.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' attrici limitatament fis-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm285.40) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm285.40). Bl-imghax kummercjali li biha jiddekorri mil-lum.**

**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------